**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 395/24 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1119/2015)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat iżżewġu nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas- sena elfejn u ħmistax (2015) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A';

2. Illi miż-żwieġ bejn il-partijiet ma twieldux ulied,

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar id-disgħa (09) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) b'kuntratt

redatt fl-atti tan-Nuttar Dottor Dorianne Arapa li jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B';

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi huma mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi r-rikorrenti u l-intimat rrinunzjaw mid-dritt li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli għal daqshekk mill- istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal- partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Awwissu 2024;

Semghet lill-avukat difensur tal-intimat prezenti fl-awla, jinforma lill-Qorti li l-intimat ma joggezzjonax ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Novembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.